**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jurgen Vella)**

**Vs**

**Lawrence Gabriele**

Illum 25 ta' Ottubru 2017

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Lawrence Gabriele, iben David u Lourdes nee' Agius, imwieled Pieta', fit-28 ta' Novembru 1972, u residenti 10, Triq Ghan Dwieli, Rahal Gdid, detentur ta' karta tal-identita' 527072(M) akkuzat talli :-

Nhar it-12 ta' Marzu 2013 ghal habta tal-hdax ta' filghaxija (23:00) gewwa Triq il-Vittmi tax-Xoghol Rahal Gdid u f'dawn il-gzejjer bil-hsieb li jikkaguna ferita ta' natura gravi, maghmula b'arma regulari, inkella bi strument li jaqta' jew iniggez fuq il-persuna ta' Kyle Buhagiar minn Hal Tarxien, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall-eskuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwita minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu.

U aktar fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Kyle Buhagiar minn Hal Tarxiien f'periklu car, ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna hajja ta' Kyle Buhagiar minn Hal Tarxien b'arma regulari, inkella bi strument li jaqta' jew iniggez;

U aktar fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, hebb ghal Sarah Erhan sabiex jingurjaha, idejjaqha, jew jaghmilha l-hsara.

U aktar fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bil-lejl, kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi qal fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indecenti;

U aktar fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamel ingurji jew theddid jew provokazzjoni b'mod li hareg mill-limiti tal-provokazzjoni fil-konfront ta' Kyle Buhagiar u Sarah Erhan;

Il-Qorti hija mitluba sabiex titratta l-imputat bhala ufficjal jew impjegat pubbliku, liema ufficjal kellu d-dmir jissorvelja biex dawn ir-reati ma jsirux u minhabba l-kariga tieghu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi ai termini tal-artikolu 141 tal-Kap 9 tal-Ligijeit ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

L-imputat jinsab akkuzat b'attentat ta' ferita gravi, li kkaguna ferita hafifa fuq Kyle Buhagiar u b'diversi kontravenzjonijiet.

Mill-provi prodotti rrizulta s-segwenti:

- Fit-12 ta' Marzu 2013 ghall-habta tal-hdax ta' filghaxija l-imputat kien rieqed fil-basement tal-proprjeta' tieghu. Dak iz-zmien il-proprjeta' tieghu kienet qeghda fi stat ta' kostruzzjoni.
- L-imputat huwa fil-korp tal-pulizija u fid-data koncernata kien stazjonat l-SAG. Imma dakinhar ma kienx xoghol.
- Waqt li kien rieqed sema' storbju minn fuqu u minnufih haseb li dahlu xi nies biex jisirquh bhalma diga' kien gralu. L-istorbju ghalhekk kien gej minn proprjeta' tieghu.
- L-imputat cempel ghall-assistenza tal-pulizija. PS 112 Oliver Vella[1] xehed li huwa flimkien ma' PC 1232 kienu *mobile* u wara li rcieva telefonata mid-

[1] Seduta tas-16 ta' Frar 2015

*depot,*ipprova jikkalma lill-imputat fuq il-mowbajl. L-imputat instema' nervuz u beda jghidlu biex ifittxu jmorru ghax kien se jxoqqhom.

- L-ewwel ma waslu fuq il-post kienu PC 1081 u PC1538. Imbagahd wasal PS112. PC1538 Raymond Mizzi xehed u kif waslu fuq il-post ra lis-Surgent 848 (l-imputat) li kien pajzan. L-imputat talab lil PC 1538 l-arma ghaliex kienu dahlulu u billi l-post kien tieghu anki jekk fl-akkademja jigu mghallma li l-arma m'ghandekx ittiha lil haddiehor. Kif ta l-arma lill-imputat, dan telaq minn fuq il-post. Il-kollega tieghu mar wara l-imputat u x-xhud beda jipparkja. Sakemm ipparkja sema ghajjat. Tela' t-tarag, dahal fil-oost, ma setax jara izda dahal ghaliex kien hemm dlam cappa, ma setax jara izda dahal ghax sema' l-hoss. Ra lil PS 1081 u lill-imputat u zewg zghazagh. Sema' hafna ghajjat u kien hemm konfuzjoni, dlam, torches, u kif dhalt ezatti s-Surgent 848 tani l-arma u dahhal l-arma lura fil-pocket. L-imputat kien irrabjat hafna maz-zghazagh u firdu lill-imputat minn mal-guvni ghax kien maqbud mieghu. Il-guvni u t-tfajla kienu bilqeghda fi spazju kobor ta' shaft. L-imputat beda jigbed lill-guvni biex iqum. Il-guvni ma qamx mill-ewwel ghaliex kien mal-art u l-imputat beda jigbdu. L-arma kienet ghadha f'idejn l-imputat dak il-hin u x-xhud rah ixejjer bl-arma biex itella' lill-guvni. Kien hemm konfuzjoni u x-xhud talbu l-arma u l-imputat tahilu lura. L-imputat beda jihhendilja lill-guvni u lit-tfajla b'mod aggressive. Il-guvni u t-tfajla ma rribellawx u bdew ighajtu li huma ma kienu ghamlu xejn. Meta hargu 'l barra l-guvni beda jzomm halqu u kellu d-demm. L-imputat anki mat-tfajla kien aggressive – jaf li mbuttaha f'daharha u kwazi tgerbet ghall-barra.
- PC 1538 Raymond Mizzi xehed ukoll li wara li ta l-arma lill-imputat sema' hoss u nduna li l-imputat kien ikkokja l-arma. Infatti wara li l-imputat tahilu lura sab li kien hemm bullet fic-chamber li qabel ma kinitx hemm. In kontro-ezami ikkonferma li l-imputat ikkokja l-arma qabel ma kien hemm l-inkontru maz-zewg persuni.
- PC 1081 Jonathan Farrugia li kien xoghol flimkien ma' PC 1538 ikknferma li hekk kif waslu fuq il-post, l-imputat kien qed jistennihom, waqqafhom u talab l-arma lil PC 1538. Hekk kif PC 1538 tah l-arma l-imputat dahal jigri fil-post. PC 1081 nizel mill-karozza u mar jigri warajh. Il-post kien ghadu qed jinbena, kien bla saqaf u mudlam. Hareg it-torc u bdew ifittxu. Meta waslu fejn kienu l-persuni, l-imputat qabez fuqhom mill-ewwel u qajmuhom. Kienu tfajla u guvni. L-imputat ta daqqa ta' ponn go wick il-guvni. Qamet kommossjoni u firduhom. Sakemm hargu lill-persuni 'l barra l-imputat ta daqqa ta' ponn ohra lill-guvni f'dahru u imbotta lit-tfajla 'l barra. Meta dahlu fil-kamra fejn kien hemm iz-zghazagh l-imputat kellu l-arma f'idejh. Meta ta daqqa ta' ponn lill-guvni l-arma kienet f'idejn l-imputat. Huwa laqtu f'wiccu pero' ix-xhud ma rax l-impatt fis-sens li ma setax ighid jekk l-imputat laqatx lill-guvni b'idu jew hux bl-arma. Il-guvni beda jghidlu biex jieqaf ghax ma kienu qed jaghmlu xejn hemm. L-imputat stqsihom ghalfejn regghu marru jisirquh. L-imputat kien aggressiv maz-zghazagh. Kif is-sitwazzjoni ikkalmat u waslu l-pulizija tad-

distrett u bdew ikellmu liz-zghazagh l-imputat ta l-arma lura lil PC 1538. F'hin minnhom l-imputat qal liz-zghazagh li kellhom jirringrazzjaw lil Alla li kien hemm il-pulizija ghax darb'ohra ma jcemplilhomx u ma kienux johorgu hajjin minn hemm. In kontro-ezami spjega li PC 1538 wasal fuq wara li l-imputat kien diga' ta l-ewwel daqqa lill-guvni.

- Kyle Buhagiar[2] spjega li fil-gurnata tal-incident, it-tfajla tieghu Sarah Erhan u huwa ma kellhomx fejn jorqdu u billi kienet ftit kesha dahlu fil-bini inkwistjoni f'Rahal Gdid. Huma firxu u poggew bilqeghda. Dan kien f'xid-9/10 ta' filghaxija. Imbaghad semghu l-hsejjes, ra t-torches, u nduna li kienu pulizija. Huwa haseb li probabbli xi hadd irrapporta li huma kienu hemm. Huma baqghu bilqeghda u m'ghamlu xejn. Kien hemm il-pulizija u wiehed minnhom qabez fuqu. Kull ma hass lil persuna tghollih u tah daqqa f'rasu mill-ewwel. Dagha u beda jghajjat mieghu. Huwa ma rrikonoxxix wiccu. Tah f'dahru, f'wiccu, jimbottah minn post ghall-iehor u anki ta daqqa lit-tfajla. Dan il-persuna kien liebes skur. Huwa xehed li jaf li qala daqtejn b'xi haga iebsa. Ra f'idejh pistol. Qal li huwa ma xtaqx jiehu passi kontra l-imputat. In kontro-ezami xehed li huwa minnu li dahal fil-proprjeta' tal-imputat u li biex dahal kien hemm injam u ressqu.
- Sarah Erhan[3] ukoll ikkonfermat li dakinhar tal-akkadut hija kienet flimkien ma' Kyle u ma kellhomx fejn jorqdu u billi kienet il-kesha dahlu f'post li kien ghadu qed jinbena. X'hin kienu hemm raw torches u huma stess ghajtulhom. Kienu pulizija u l-imputat li hija gharfet fl-Awla. L-imputat dahal l-ewwel u l-pulizija warajh. Kyle u hija qalu lill-imputat mill-ewwel li huma kienu dahlu biex jorqdu biss izda ma tax ikazhom u qabad lil Kyle Buhagiar. L-imputat kellu xi haga f'idu. Hija ma setghetx tara sew minhabba d-dlam u l-konfuzjoni. Hija hasset daqqa go darha u intefghet 'il barra. Hija ma sofrietx griehi izda rat lill-imputat jaghti daqqa go ras Kyle Buhagiar.
- Dr Edward Zammit[4] ikkonferma c-certifikat mediku rilaxxjat minnu[5]. Kyle Buhagiar kellu selha kbira superficjali fuq in-naha ta' wara tal-ispalla x-xellugija forma ta' trijangolu u zewg centimetri; selha superficjali fuq in-naha ta' wara tal-ispalla l-leminija, forma ovali, tul ta' 3 centimetri; girfa hamra tul ta' 10 centimetri fuq in-naha tal-lemin tas-sider; girfa ohra hamra tul 10 centimetri; selha hamra ovali, dijametru 5 centimetri. Ilmenta wkoll minn ugiegh fl-imnieher. Dr Zammit iccertifika li n-natura tal-griehi sofferti kienu ta' natura hafifa.
- PS 353 Antoine Sacco[6] mar fuq il-post. Kien hemm kommossjoni u l-pulizija tal-mobile kienu waslu diga'. Kif kien tiela t-tarag ra lill-pulizija u zewg persuni guvni u tfajla nezlin. Il-guvni kellu d-demm ma' halqu. Ix-xhud zamm lill-guvni u t-tfajla hdejh billi PS 848 (l-imputat) kellu *'temperament daqsxejn gholi u*

[2] Seduta tad-9 ta' Ottubru 2013
[3] Seduta tad-9 ta' Ottubru 2013
[4] Seduta tal-20 ta' Novembru 2013
[5] Dok JV23 a fol 26 tal-process
[6] Seduta tal-20 ta' Novembru 2013

*deher irrabjat immens'.* L-imputat qal lil Kyle Buhagiar li darb'ohra ma kienx ighajjat lill-pulizija. Ix-xhud ha lil guvni u t-tfajla l-ghassa. Huma kellhom xi affarijiet maghhom konsistenti f'xi kutri u affarijiet. Huma lmentaw li gew imsawtin. Ix-xhud ra lill-imputat ihebb ghall-guvni ghaliex rah jimbuttah meta kienu nezlin it-tarag. Iz-zghazagh qalulu li huma kienu dahlu biss biex jorqdu. Lill-guvni haduh il-poliklinik.

- Wpc 51 Louise Grech[7] xehdet li l-imputat huwa membru tal-korp, Surgent 848. Dahal membru tal-korp tal-pulizija fis-6 ta' April 1991.
- PC 1232 Kevin Schembri[8] kien *duty night watch* flimkien mas-Surgent 112. Ghall-habta tal-11:20pm ircevew telefonata mill-imputat permezz tal-*control room* fejn infurmahom li kien hemm xi nies fil-binja tieghu. Avzaw vettura ohra li kienet izjed vicin minnhom ossija PC 1081 u PC1538. Sakemm waslu fuq il-post u pparkjaw u nizlu mill-vettura sab lill-imputat, PC 1081 u PC 1538 flimkien ma' PS 353 u tfajla u guvni. Is-surgent tad-distrett kien qed ikellem lill-guvni u t-tfajla. L-imputat kien irrabjat u qalilhom li darb'ohra ma kienx igib lill-pulizija.
- PS112 Oliver Vella[9] ikkonferma dak li qal PC 1232. L-istess PC 189 Mariano Ancilleri[10].
- L-Ispettur Jurgen Vella[11] xehed dwar l-investigazzjoni. In kontro-ezami[12] ikkonferma li kemm Kyle Buhagiar u Sarah Erhan ma xtaqux li jittiehdu proceduri kontra l-imputat
- L-imputat xehed[13] li fit-12 ta' Marzu 2013 kien rieqed fil-basement tad-dar. Ghall-habta tal-hdax/hdax u nofs ta' filghaxija sema' storbju gej min-naha ta' fuq. Libes u tela' jigri biex jara x'gara. Induna li l-injam li kien jimbarra l-bieb biex hadd ma jidhol kien gie imbuttat. Il-binja kienet qed tinbena. L-imputat esebixxa Dok LG7 (ritratt) fejn instabu l-persuni. Huwa spjega li huma setghu facilment ikollhom access u jinzlu gos-shaft u ghalhekk jinzlu fil-proprjeta' fejn kien qed ighix hu. Tmien filati kien hemm biex ikunu fil-bitha tieghu fejn ghandu zewgt bibien u zewgt itwieqi. Huwa beza' li setghu dahlu fil-proprjeta' ta' ommu ghaliex dan tmiss mal-proprjeta' tieghu. Spjega li stenna ill-pulizija jaslu fuq il-post. Huwa talab l-arma lil wiehed mill-pulizija Mizzi billi huwa kien jaf il-post. Huwa kien cert li dawn dahlu biex jisirqu. F'Ottubru 2011 kien insteraq u haseb li kien se jigri l-istess.

  Huwa qal li tela' fuq biex jara x'kien hemm. Kif huwa nnota lil dawn iz-zewgt persuni ta l-arma lill-pulizija biex ikun jista' jigbidhom ghaliex kienu f'rokna jistahbew. Gibed lill-guvni u imbaghad lit-tfajla u imbaghad hadu hsiebhom il-

[7]7 Seduta tad-29 ta' Jannar 2014
[8] Seduta tat-12 ta' Gunju 2014
[9] Seduta tas-16 ta' Frar 2015
[10] Seduta tal-11 ta' Mejju 2015
[11] Seduta tad-9 ta' Ottubru 2013
[12] Seduta tal-21 ta' Novembru 2016
[13] Seduta tal-21 ta' Novembru 2016

pulizija. Imbaghad iccekkja l-proprjeta' ta' ommu u haduhom l-ghassa. Hu kien liebes pajzan. Dak iz-zmien kien membru tal-SAG.

In kontro-ezami, l-imputat qal li m'hemm xejn bil-miktub li jkollok f'idejk arma ta' haddiehor biex tidhol. Din hija biss prassi. Ma jeskludix li kkokja l-arma qabel dahal. Darba dahal fil-post, meta ghadda l-arma lura lill-pulizija huwa nduna li z-zghazagh ma kienux armati. Huwa jichad li lil Kyle Buhagiar tah bl-arma f'idu. Mistoqsi jekk ipprovokawhx irrisponda li le izda ma riedhomx jibqghu fil-proprjeta'. Meta mistoqsi dwar ic-certifikat ezebit huwa qal li ma seta' jghid xejn.

qed tinbena. hemm ohrajn pajzana. Huwa kkonferma dak li f'qal fl-istqarrija tieghu li ma messhomx.

Fl-istqarrija[14] bazikament ta l-istess versjoni, hlief li dakinhar cahad li kien ikkokja l-arma. Wiegeb ukoll li l-atteggjament tal-persuni involuti kien wiehed kalm u m'offrewx rezistenza. Cahad li hebb ghalihom. Irrisponda li ma ra lill-ebda pulizija jerfa' jdejh fuq dawn iz-zewg persuni.

Jehtieg ghalhekk li abbazi tar-rizultanzi processwali din il-Qorti tezamina jekk l-imputazzjonijiet addebitati lill-imputat gewx ippruvati sal-grad rikjest mil-ligi.

Fl-ewwel lok, wara li l-Qorti ezaminat ix-xhieda u l-atti tqis li l-versjoni mressqa mill-prosekuzzjoni hija dik veritiera. L-imputat ma jistax jitwemmen meta jsostni u jixhed li ma jafx kif kienu kkagunati l-griehi sofferti minn Kyle Buhagiar. Id-dinamika ta' dak li gara huwa car ghall-Qorti: l-imputat waqt li kien rieqed fil-basement tal-proprjeta' tieghu tard filghaxija, sema' hoss gej min-naha ta' fuq tal-istess binja li kienet ghadha qed tinbena. Billi kien gie misruq madwar sena u hames xhur qabel mill-istess binja, hu mill-ewwel haseb li kien hemm il-hallelin. Cempel ghall-assistenza tal-pulizija. Il-pulizija waslu fi ftit minuti u sabu lill-imputat barra jistenna. Huwa kien liebes pajzan. L-imputat talab lil PC 1538 l-arma tas-servizz. L-imputat dakinhar ma kienx xoghol. PC 1538 tah l-arma u l-imputat dahal jigri fil-proprjeta' tieghu li kienet qed tinbena. L-imputat ikkokja l-arma. PC 1081 mar wara l-imputat filwaqt li PC 1538 ipparkja l-karozza, izda anki huwa tela' fuq eventwalment. PC 1081 kellu torc fuqu u xeghlu minhabba li fil-binja kien hemm id-dlam. Konferma li t-torc inxteghel gejja wkoll mix-xhieda ta' Kyle Buhagiar u Sarah Erhan. Dawn iz-zewg zghazagh kienu f'rokna bilqeghda f'dik il-parti tal-binja li kienet intiza biex tkun shower. Dawn iz-zghazagh bdew ighidu li dahlu fil-binja biss biex jorqdu, kienu kalmi u m'offrw l-ebda tip ta' rezistenza. Huwa evidenti li dawn iz-zghazagh kienu qeghdin fil-proprjeta' tal-

[14] A fol 5 tal-process

imputat verament biex jorqdu (mhux qed jinghad hawn li ghamlu sew li dahlu fi proprjeta' ta' terz minghajr il-kunsens ta' dak it-terz!).

L-imputat hekk kif irrizulta mix-xhieda ta' diversi ufficcju tal-pulizija kien irrabjat sew. Kif ra liz-zewg zghazagh, anki jekk ma kienux armati u m'offrewx rezistenza, refa' jdejh fuq Kyle Buhagiar. Ma llimitax ruhu li jigbdu minn bilqeghda kif sostna, izda tah daqqa fuq wiccu bl-id li fiha kellu l-arma kkokjata. Rega' refa' jdejh fuqu u kkawzalu diversi griehi hekk kif iccertifikat mit-tabib. Huwa evidenti mic-certifikat li l-imputat ta daqqiet bl-id li fiha kellu l-arma anki mid-dimensjonijiet tal-istess griehi. Oltre' dan l-istess Kyle Buhagiar xehed li l-imputat tah b'xi haga iebsa u gie wkoll ikkonfermat minn PC 1081. L-arma rritornaha biss wara li ntalbet lilu.

Id-difiza enfasizzat hafna fuq il-punt li z-zewg zghazagh dahlu billejl fil-proprjeta' tal-imputat u li kien facli ghalihom li jaccedu ghal fejn kien qieghed rieqed l-imputat.

Il-ligi fl-artikoli 223 u 224(a) tal-Kodici Kriminali jipprovdu:

***"223.** Ma hemmx reat meta l-omiċidju jew l-offiża fuq il-persuna huma ordnati jew permessi mil-liġi jew mill-awtorità leġittima, jew meħtieġa mill-bżonn attwali tad-difiża leġittima ta' wieħed innifsu jew ta' ħaddieħor.*

***224.** Jidħlu taħt il-każijiet ta' bżonn attwali tad-difiża leġittima, dawn li ġejjin:*

*(a) jekk l-omiċidju jew l-offiżi fuq il-persuna jsiru filwaqt li wieħed, bil-lejl, ikun qiegħed jirreżisti biex ma jħallix l-iskalata jew il-ksur ta' reċinti, ta' ħitan, jew ta' bibien li minnhom tidħol għal dar jew appartament abitat, jew ta' post li jagħmel magħhom, illi jkun jinfed, direttament jew indirettament, ma' dik id-dar jew ma' dak l-appartament;"*

Tali sottomissjoni ma tistax tintlaqa' fil-kaz odjern. referenza ssir ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Nazzareno Fenech**[15] fejn intqal:

*"L-appellant jippretendi li huwa ghamel dak li ghamel in legittima difesa tieghu nnifsu, u addirittura jinvoka l-artikolu 224 tal-Kodici Kriminali. Anke li kieku din il-Qorti kellha temmen lill-appellant – u din il-Qorti qed tiddikjara car u tond li mhix qed temmnu, bhalma ma emmnitux l-ewwel qorti – fis-sens li hutu warrbu x-xatba tal-bieb ta' barra u dahlu fl-intrata qabel ma sejhulu, b'dan l-agir ta' hutu ma kienet qed issir ebda 'skalata' jew 'ksur' ta' bibien fis-sens tal-artikolu 224(a)*

[15] Appell Kriminali deciz fit-8 ta' Frar 2002

*tal-Kodici Kriminali; u wisq anqas jista' jinghad, ghalhekk, li l-appellant kien qed 'jirrezisti' biex ma jhallix 'tali skalata jew ksur'.*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**[16] intqal:

*"L-Artikolu 224 tal-Kodici Kriminali jipprospetta, minghajr ma jillimita ruhhu ghalihom, tliet kazijiet ta' bzonn attwali tad-difiza legittima. Fosthom insibu l-paragrafu (a) li jikkonsidra bhala wiehed minn dawn il-kazijiet din l-eventwalita`:*

*"jekk l-omicidju jew l-offizi fuq il-persuna jsiru fil-waqt li wiehed, bil-lejl, ikun qieghed jirrezisti biex ma <u>jhallix</u> l-iskalata jew il-<u>ksur</u> ta' recinti, ta' hitan, jew ta' <u>bibien</u> li minnhom tidhol ghal dar jew appartament abitat, jew ta' post li jaghmel maghhom, illi jkun jinfed, direttament jew indirettament, ma' dik id-dar jew ma' dak l-appartament" (sottolinear ta' din il-Qorti).*

*Kif jidher car mit-test tal-ligi, u senjatament mill-kliem sottolineati, l-agent irid ikun qed jirreagixxi (ghall-aggressjoni jew minaccja minnu ga percepita bhala ingusta u gravi) proprju biex ma jhallix, fost affarijiet ohra, li jsehh il-ksur ta' bibien. F'din l-ipotesi kontemplata mill-legislatur, bejn l-agent u l-aggressur jinterponu ruhhom ir-recint jew il-hajt jew il-bieb, li, una volta skalati jew imkissra skond il-kaz, ikun ifisser li l-aggressjoni jew minaccja x'aktarx issir wahda verament inevitabbli, u mhux semplicement prezunta li hi inevitabbli – tali prezunzjoni hija proprju l-iskop ghala l-legislatur ghazel li jsemmi tliet sitwazzjonijiet partikolari fl-imsemmi Arikolu 224 u jikkwalifikahom bhala "kazijiet ta' bzonn attwali tad-difiza legittima". Jekk issirx effettivament wahda inevitabbli wara li jkun sar il-ksur u gie ottenut id-dhul ikun jiddependi mic-cirkostanzi kollha tal-kaz. Kif gie mfisser minn din il- Qorti fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta v. Nazzareno sive Reno Mercieca u Gaetano Scerri**, aktar 'l fuq imsemmija:*

*"...ottenut id-dhul kollox jiddependi jekk jikkonkorrux l-elementi kollha li dottrinalment huma meqjusa necessarji biex wiehed jista' jitkellem fuq legittima difiza – cioe` il-bzonn li l-minacca tkun gravi, tkun ingusta, tkun inevitabbli u fuq kollox li r-reazzjoni tkun proporzjonata ghall-minaccja jew ghall-aggrassjoni."* [17]

*Bil-paragrafi (a), (b) u (c) tal-Artikolu 224 tal-Kodici Kriminali, il-legislatur ried jelimina id-dubbju li seta' kien hemm jekk f'dawk ic-cirkostanzi kif hemm deskritti kienx nieqes xi wiehed mill-elementi tal-legittima difiza. Hekk, per ezempju, ma jistax ikun hemm dubbju, ghax dak id-dubbju nehhieh l-istess legislatur, jekk minaccja ghall-kastita` ta' persuna ghandhiex titqies bhala minaccja "gravi". A propozitu huwa interessanti dak li josserva l- Prim Imhallef Emeritu Professur J. J. Cremona dwar id-differenza bejn l-Artikolu 224(a) u l-Artikolu 227(b) tal-Kodici Kriminali:*

[16] Qorti tal-Appell Kriminali deciza fis-16 ta' Ottubru 2003

[17] Vol. LXXIX.v.1485. S'intendi, jekk ma jkunx hemm l-element tal-propozjonalita`, izda jkun hemm it-tliet elementi l-ohra, wiehed jinkorri fl-eccess tal-legittima difeza kontemplat fl-Artikolu 227(d) tal-Kap. 9

*"The difference in treatment is clearly due to the greater apprehension of personal danger, linked with the greater difficulty of obtaining assistance, inherent in a nocturnal attack. It has been decided in this connection that the wronged person's reaction is justified only if it takes place at the very moment when the property is being invaded and in the actual defence of it (Crim. App. Police v. Joseph Micallef, Law Reports, vol. XXXIX,IV, 1072)."*[18]

*Minn dan kollu li ghadu kif inghad, din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li ma hemmx ghalfejn ikun beda l-ksur (jew tkissir) effettiv ossia materjali tal-bieb (recint jew hajt), fis-sens li beda jitkisser il-bieb (kif kjarament kienet qed tifhem l-ewwel Qorti u kif jidher li gew indirizzati l-gurati) – u dan apparti r-rekwizit ta' "bil-lejl", li f'dan il-kaz ma hux in kontestazzjoni. Fil-kawza fl-ismijiet* ***Ir-Repubbblika ta' Malta v. Nazzareno sive Reno Mercieca u Gaetano Scerri****, ga` citata, din il-Qorti qalet hekk:*

*"Mill-kliem tal-ligi huwa ovvju li mhux qed jigi kontemplat il-kaz fejn l-aggressur diga` dahal fid-dar jew fl-appartament izda biss il-kaz fejn ikun hemm il-minaccja attwali tad-dhul."*[19]

*"Minaccja attwali", apparti li tfisser minaccja prezenti, tfisser ukoll, fid-dawl ta' dak li nghad aktar 'l fuq f'din is-sentenza, li jrid ikun beda jsir xi haga li ragonevolment u oggettivament x'aktarx iwassal ghal tali ksur, ghax anke f'sitwazzjoni simili wiehed jista' jghid li "the property is being invaded". Mhux bizzejjed, per ezempju, il-millanterija ta' x'wiehed hu kapaci li jaghmel jew is-semplici theddid bil-kliem ta' tali tkissir; mill-banda l-ohra ma hemmx ghalfejn li jkun sar tkissir materjali (kif donnha kienet qed tifhem li kellu jkun hemm l-ewwel Qorti)."*

Fil-kaz odjern ma kien hemm l-ebda skalata jew ksur ta' recinti, ta' hitan jew ta' bibien li l-imputat kien jehtieglu jirrezisti sabiex iz-zghazagh inkwistjoni ma jidhlux. Dak li rrizulta huwa li z-zghazagh dahlu fil-proprjeta' tal-imputat minghajr il-permess tieghu billi warbu l-injam li kien hemm fil-punt tad-dhul tal-binja inkwistjoni. Dan bla ebda dubju kien zbaljat min-naha taghhom u jikkostitwixxi fih innifsu kontravenzjoni ta' vjolazzjoni tal-proprjeta'. L-imputat sostna li kien facli ghalihom li jidhlu fil-basement fejn kien qieghed rieqed huwa. Gew prezentati xi ritratti mill-imputat. Il-Qorti ma tqisx li kien ikun daqstant facli biex iz-zewg zghazagh jaccedu ghal fejn kien qieghed jabita tenut kont tal-gholi. Oltre' dan lanqas gie ppruvat li z-zghazagh ippruvaw jaccedu ghal dik il-parti tal-binja fejn kien qieghed joqghod l-imputat. Iz-zghazagh dahlu fil-binja in kostruzzjoni, li kienet anki bla saqaf, biss biex jistkennu. Ma kien hemm l-ebda minacca attwali ghall-imputat jew ghall-familja tieghu. L-imputat innifsu jammetti li z-zghazagh m'offrewx rezistenza, kienu kalmi u mhux armati.

Stabilit dan, il-Qorti se tghaddi biez tezamina l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tal-imputat

---

[18] J. J. Cremona ***Selected Papers 1946-1989*** Peg Ltd. (Malta), 1990, p. 131.
[19] Ibid, pagna 1484

**Attentat Ferita Gravi**

Permezz tal-ewwel imputazzjoni l-imputat gie akkuzat b'attentat ta' ferita gravi. il-Qorti tirreferi ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Sandro (Alexander) Chetcuti**[20] fejn inghad:

"Jinghad qabel xejn illi sabiex jissusti ir-reat tal-offiza volontarja, hi mehtieg l-intenzjoni generika li wiehed jaghmel hsara. "*Jekk l-intenzjoni ta'l-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hija zghira dik il-hsara li jkollu f'mohhu li jaghmel, hu irid wiegeb ghall-konsegwenzi kollha li effettivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta ta'l-ghemil tieghu.*" (ara sentenza Il-Pulizija vs Emanuel Zammit deciza Appelli Kriminali 30/03/1998).

Il-Qorti tosserva madanakollu illi peress illi f'dana it-tip ta' reat, kif gie sottolinjat huwa bizzejjed illi l-intenzjoni tkun wahda generika, allura fost l-awturi hemm diskordju dwar jekk jistax ikun hemm tentattiv ta' offiza gravi. Dwar dana jitkellem ukoll il-Professur Mamo fejn ighid: "*the principle that in the crime of bodily harm a generic intention to injure is sufficient, the offender being answerable for the harm which has actually ensued, gives rise to the doubt whether a charge of attempt is legally possible.*" (Notes on Criminal Law), izda imbaghad izid "*Looking at the classification of offences as made by the Law, it is not difficult to imagine certain circumstances in which, having regard to the means used by the offender and his mode of action, one may be certain of his intention to produce one rather than the other of the effects therein mentioned. Should there still remain a doubt as to the gravity of the result aimed at by the offender, the principle will naturally apply **in dubbio pro reo**.*"

Illi ukoll f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali fil-kawza fl-ismijiet Ir-Repubblika vs Domenic Briffa deciza fis-16 ta' Ottubru 2003, il-Qorti iccitat lill-awtur Francesco Antolisei fit-tul:

"Fost l-awturi hemm diskordju dwar jekk jistax ikun hemm tentattiv ta' offiza gravi. Francesco Antolisei fil-ktieb tieghu *Manuale di Diritto Penale, Parte Speciale I* (Giuffre` (Milano), nona edizione, 1986) ighid f'pagna 79:
"*Quanto al tentativo, la nostra concezione porta ad ammettere che esso possa verificarsi anche nei confronti della lesione grave e della lesione gravissima. Che dal punto di vista naturalistico un tale tentativo sia ipotizzabile, non e` dubbio e per convincersene basta pensare al caso, tutt'altro che infrequente nella pratica, dell'individuo che getta del vetriolo contro una persona col preciso intento di sfregiarla, senza riuscire a colpirla nel viso. Di fronte al nostro diritto positivo, la giurisprudenza e la prevalente dottrina opinano che non e` consentito parlare di tentativo di lesione grave e gravissima, e ritengono che in ogni caso il reo deve*

[20] Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza fit-18 ta' Settembru 2013

*rispondere di tentativo di lesione comune. Tale conclusione, peraltro, se pure in armonia con la premessa da cui viene dedotta, non puo` soddisfare, non soltanto perche` trascura marcate differenze che esistono nella realta`, ma anche perche` assicura al tentativo di lesioni gravi e gravissime un trattamento di estrema benignita`, trattamento che contrasta nel modo piu` stridente con l'inesorabile rigore che viene adottato in caso di consumazione. Di cio` si e` reso conto qualche scrittore, come il Vannini, il quale sostiene l'ammissibilita` del tentativo di lesioni gravi e gravissime, ma a noi sembra che a tale risultato non si possa logicamente pervenire se si accetta la communis opinio che ravvisa nella lesione personale una sola figura criminosa. Accogliendo, invece, il nostro assunto e riconoscendo che non una, ma tre sono le figure di lesione personale, quella conclusione si giustifica; anzi, si rende necessaria. Naturalmente la punizione per tentativo di lesione grave o gravísima presuppone l'accertamento che nel caso concreto il reo mirava a realizzare uno dei risultati di cui all'art. 583. Se a tale accertamento il giudice non puo` pervenire, egli adempiera` il suo compito, applicando - come e` logico e giusto - il canone probatorio in dubio pro reo.*"

U ikkonkludiet: "**Din il-Qorti tara li dana il-bran jaqbel anke mad-dottrina li dejjem giet accetatat mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali taghna, u cioe' li jista' ikollok tentattiv ta' offiza gravi jew tentattiv ta' offiza gravissima, purche' jigi pruvat li l-agent kellu l-intenzjoni specifika li jikkaguna xi wahda min dawk il-konsegwenzi li jikkaratterizzaw l-offiza gravi jew l-offiza gravissima skond il-kaz. Hekk, per ezempju, ma jistax ikun hemm dubbju li jekk persuna isawwat mara tqila bl-intenzjoni specifika li ggieghelha tehles qabel iz-zmien jew bl-intenzjoni specifika li dik il-mara tabortixxi, jekk ma jirnexxilhiex fil-hsieb taghha (u salv l-elementi l-ohra kollha tat-tentattiv) huwa koncepibbli d-delitt ta' tentattiv ta' offiza gravi fl-ewwel lok u dak ta' tentattiv ta' offiza gravísima fit-tieni lok**."

Illi kif diga inghad fil-kaz ta' offiza volontarja, l-intenzjoni generika sabiex wiehed jaghmel hsara hija bizzejjed izda fil-kaz tat-tentattiv tar-reat tal-offiza gravi jew gravíssima l-prosekuzzjoni jenhtiegilha tipprova lil hinn minn kull dubbju illi l-persuna akkuzata kellha l-intenzjoni specifika illi tikkaguna hsara gravi fuq il-vittma."

Mill-provi prodotti ma jirrizultax fl-ewwel lok li gie ppruvat li l-imputat kellu l-intenzjoni specifika li jwegga' gravement lil Kyle Buhagiar. Huwa minnu li kellu l-arma kkokjata u l-arma zamma f'idu waqt li refa' jdejh fuq Kyle Buhagiar izda l-imputat fl-ebda mument ma pprova jispara tali arma.

**<u>Ferita Hafifa</u>**

Gie stabilit, kif fuq rilevat, li kien l-imputat li kkaguna griehi hfief fuq Kyle Buhagiar u dan kif certifikat mit-tabib li invista lill-istess Buhagiar.

Id-difiza waqt it-trattazzjoni sostniet li ladarba Kyle Buhagiar wera x-xewqa li ma jittiehdux proceduri fil-konfront tal-imputat isegwi li inkwantu ghal din l-imputazzjoni ghandu jigi dikjarat procediment ezawrit. Din il-Qorti ma taqbilx invista tal-fatt li filwaqt li huwa minnu li l-ufficjal prosekutur kien qallu inizjalment li ma xtaqx li jittiehdu proceduri biex ma jkabbarx l-affarijiet ma jirrizultax li gie ffirmat xi waiver u lanqas ma gie dikjarat hekk mill-istess Kyle Buhagiar fuq il-pedana tax-xhieda.

**<u>Kontravenzjonijiet</u>**

Inkwantu ghal dak li huma kontravenzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat dawn gew preskritti billi l-incident sehh fit-12 ta' Marzu 2013 u c-citazzjoni odjerna giet prezentata fir-registru tal-Qorti biss fl-14 ta' Awwissu 2013 u ghalhekk meta l-perjodu preskrittiv ta' tlett xhur kien ilu li ddekorra.

**<u>Addebitu a tenur tal-artikolu 141 tal-Kodici Kriminali</u>**

Gie ippruvat li fid-data tal-incident l-imputat kien membru tal-Korp tal-Pulizija li kien stazzjonat fl-SAG. Ghalhekk dan l-addebitu gie ppruvat.

Illi inkwantu ghall-piena li ghandha tigi erogata din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reat, ic-cirkostanzi tal-kaz u l-fedina penali tal-imputat li hija wahda netta. Il-Qorti tqis li l-imputat affacjat bis-sitwazzjoni kif kien ghamel sew li cempel ghall-assistenza tal-pulizija izda huwa kellu jhalli f'idejhom u mhux qabad u agixxa kif fettilu f'mohhu. Ghalhekk din il-Qorti tqis li ghandha tikkundanna lill-imputat ghal sentenza ta' prigunerija izda li ghandha tigi sospiza.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti filwaqt li ma ssibx lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u minnha tilliberah, u filwaqt li tiddikjara procediment estint inkwantu ghat-tielet, raba', hames u sitt imputazzjonijiet inkantu huma preskritti, wara li rat l-artikoli 221(1) u 141 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma tilqax l-eccezzjoni sollevata mid-difiza u issib lill-imputat hati tat-tieni imputazzjoni u kif ukoll tal-aggravju dedott fil-konfront tieghu u ghalhekk tikkundannah ghal tlett (3) xhur prigunerija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal sentejn millum.

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk huwa jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

**Dr Josette Demicoli LL.D**
**Magistrat**